MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1886/2005

**Carmen Muscat I.D. 303231 (M)**

**Vs**

**Frank u Marisa konjugi Said**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2005, fejn intalab il-hlas tas-somma ta' wiehed u disghin Liri Maltin u sittax il-centezmu (Lm91.16) mill-attrici li tirraprezenta l-konsum tad-dawl u tal-ilma minn-naha tal-konvenuti u familthom meta huma kienu jirrisjedu fil-fond 15, J.G. Court B, Flat 3, Triq il-Mensija, San Gwann.

Minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi jwettqu l-hlas, huma baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellhom jigu mibdija dawna l-proceduri. Bl-ispejjes u bl-imghax.

Ra r-risposta tal-konvenuti tas-16 ta’ Dicembru 2007, fejn gie ecceppit illi (1) l-ammont pretiz mill-attrici mhuwiex dovut mill-konvenuti stante li l-attrici hija uzufruttwarja tal-fond 15, J.G. Court B. Flat 3, Triq il-Mensija, San Gwann, u ghalhekk spejjez bhal dawn huma a kariku ta’ l-uzufruttwarja, (b) bla pregudizzju u subordinament ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont pretiz mill-attrici huwa esagerat kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din it-talba, u (3) Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti ;

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attrici qed titlob ghall-hlas tas-somma indikata fl-Avviz rapprezentanti prezz ta’ kont ta’ dawl u ilma (Dok CM2 – a fol 18) li hi ssostni gie uzat u kkunsmat mill-konvenuti.

Fl-affidavit tieghu il-konvenut jghid illi huma dejjem hallsu l-kontijiet tad-dawl u ta’ l-ilma sakemm damu jokkupaw il-fond ta’ l-attrici u li ma kienux hallsu l-ahhar kont ghax l-attrici dan ircevitu meta huma kienu telqu.

In kontro-ezami il-konvenut jikkonferma illi ghex fil-fond de quo sad-9 ta’ Dicembru 2004. Jghid wkoll illi jgharaf illi l-kontijiet li qed jintalab ihallas ikopru l-perjodu 28 ta’ Lulju 2004 sal-31 ta’ Dicembru 2004, pero` “*ma ppretendejtx illi s-Sinjorina Muscat tfittixni ghal dawk ix-xaghrejn li qeghda tfittixni ghalihom*”.

Filwaqt illi jghid illi hallas il-kontijiet ta’ l-ahhar hames snin u qatt ma talab lill-attrici tikkontribwixxi ghal sehemha – it-Tribunal jinnota illi ma hemm ebda kontro-talba f’dan is-sens.

Fic-cirkostanzi allura t-Tribunal mhux qed jara ghaliex il-konvenuti ma ghandhomx jigu kkundannati jhallsu ghall-kontijiet pendenti, b’dan illi b’ekwita` t-Tribunal ihoss illi ghax-xahar ta’ Dicembru 2004 ma ghandhomx jigu kkundannati jhallsu in vista tal-fatt illi jidher stabbilit illi l-konvenut tellqu mill-fond de quo fil-bidu ta’ Dicembru 2004.

Ghalhekk peress illi Dok CM2 ikopri l-perjodu mill-25 ta’ Ottubru 2004 sal-31 ta’ Dicembru 2004, ossia bejn wiehed u iehor xaharejn, il-valur ta’ dan il-kont ta’ tlieta u tletin Liri Maltin u sittin centezmu  (Lm33.60) qed jigi mnaqqas bin-nofs.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ erba` u sebghin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm74.36) rapprezentanti l-kont kollu - Dok CM1 u nofs il-kont - Dok CM2, u filwaqt illi jichad ir-risposta tal-konvenuti, jikkundannhom ihallsu s-somma msemmija ta’ erba` u sebghin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm74.36), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu maqsuma in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) ghall-konvenuti u kwart (1/4) ghall-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------